MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 242/2012

**Etralia Limited**
**C30967**

**vs**

**Tonna Robert (ID887851-M) u**
**Dragon Company Limited (C21346)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara li fil-perjodu ta' bejn it-8 ta' Awwissu, 2005 u t-22 ta' Marzu, 2011, is-Socjeta' rikorrenti giet inkarigata mis-Socjeta' intimata sabiex tbiegh, tikkonsenja u tinstalla lift u materjali relatati u tipprovdi s-servizzi relatati mal-istess lift; Illi s-Socjeta' mittenti kkonsenjat dawn l-oggetti lill-intimata u pprovdiet is-servizzi kif mitluba taghmel fl-indirizz Sa Maison Retirement Home, number 22, Marina Street, Pieta'; Illi l-bilanc tal-prezz ta' dan il-materjal kif ukoll is-servizzi rezi huwa ta' elf, hames mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,556.23c) u dan kif jirrizulta mill-fatturi kopja annessa u mmarkata Dok. A; Illi kif jidher mill-fatturi annessi elf, mitejn u

ghoxrin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,220.82c) huwa l-prezz ta' servizzi moghtija fuq *lift* antik illi ghandhom installat gewwa Sa Maison Retirement Home, u tliet mija u hamsa u tletin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€335.42c) huwa l-prezz tas-servizz moghtija fuq *lift* gdid installat mis-Socjeta' mittenti, wara li kienet spiccat il-garanzija fuqu; Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi, kemm verbalment u kemm bil-miktub, sabiex ihallas u ntbaghtu l-fattura, dan il-kreditu sa llum baqa' ma thallasx; Illi ghalhekk is-Socjeta' mittenti kienet kostretta tirrikorri ghall-proceduri odjerni; ghaldaqstant is-Socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' elf, hames mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,556.23c) dovuta lis-Socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi t-talbiet tas-Socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante: (i) Illi in via preliminari skond l-Artikolu 2151 tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta; (ii) Illi ukoll in via preliminari l-intimat Robert Tonna m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-Socjeta' attrici stante li agixxa bhala Direttur tas-Socjeta' Dragon Company Limited; (iii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati m'ghandhom l-ebda debiti fil-konfront taghhom; (iv) Illi s-Socjeta' attrici pprestat servizzi lis-Socjeta' 'ntimata li ma kienux skont l-arti u s-sengha; (v) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-Sentenza preliminari dwar l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-Socjeta' attrici u l-konvenut sollevati mill-istess konvenuti, liema Sentenza nghatat fit-18 ta' Jannar, 2013, u permezz ta' liema decizjoni giet michuda l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, filwaqt illi giet akkolta l-eccezzjoni sollevata minn Robert Tabone li mhux il-legittimu kontradittur, u ghalhekk dan gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u t-Tribunal ordna l-proseguiment tas-smigh tal-kawza limitatament fil-konfront tas-Socjeta' konvenuta.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici spjega kif l-istess entita' kummercjali kellha relazzjoni ta' negozju mas-Socjeta' konvenuta li tmur lura diversi snin; illi inizzjalment persuni teknici fi hdan is-Socjeta' attrici kienu jigu inkarigati mis-Socjeta' konvenuta sabiex imorru jaghmlu xogholijiet ta' manutenzjoni u tiswija fuq lift li kien jinsab gewwa Sa Maison Retirement Home, l-Pieta', u eventawalment, apparti tali xogholijiet, is-Scjeta' attrici - fuq inkarigu tas-Socjeta' konvenuta - installat f'din l-istess Home lift gdid, u persuni teknici mill-istess Socjeta' attrici kienu jmorru sabiex jaghmlu spezzjonijiet u xogholijiet mehtiega. Illi in forza ta' din l-azzjoni, s-Socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-Socjeta' konvenuta tas-somma ta' elf, hames mija sitta u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,556.23c) li skont ir-rendikont li gie pprezentat mal-avviz tat-talba (Dok. A), jirraprezenta servizzi rezi u pprestati mis-Socjeta' attrici lill-konvenuti fuq medda ta' zmien, u aktar precizament bejn it-8 ta' Mejju, 2005 sat-22 ta' Marzu, 2011, u kif gie puntwalizzat mir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, il-maggior parti tal-ispejjez dovuti mis-Socjeta' konvenuta huma ghal xogholijiet u riparazzjoni li giet imwettqa fuq il-lift il-qadim, u ghalhekk fuq il-lift li 'gia kien hemm fil-post u mhux dak li gie nstallat minnha. Illi f' dan ir-rigward, ir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ghamel referenza ghad-diversi *job sheets* u l-fatturi relattivi li gew ipprezentati minnu, u li jinsabu a fol. 40 sa 60 tal-atti, u ddikjara illi dawk il-fatturi li gew immarkati bhala Dok. B6 (€50.00), Dok. B7 (€50.00), Dok. B9 (€100.00) u Dok. B10 (€185.41c) jirrelataw ghal xogholijiet li saru fuq il-lift il-gdid, filwaqt illi l-kumplament tal-fatturi jittrattaw dwar xogholijiet li saru fuq il-lift il-qadim.

Illi l-istess rapprezentant tas-Socjeta' attrici spjega wkoll kif il-garanzija fuq il-lift il-gdid li gie nstallat minnhom giet estiza minn perjodu ta' sentejn, ghal perjodu ulterjuri ta' hdax-(11) il-xahar; illi ghalhekk, skont dan l-istess rapprezentant, ghalkemm il-garanzija dahlet fis-sehh b'effett minn Frar, 2008, minhabba l-estensjoni li tat is-soSocjeta' attrici, din skadiet f'Jannar, 2011. Illi ghalhekk, b'referenza ghal dawk il-fatturi relattivi ghax-xogholijiet li saru mis-Socjeta' attrici fi Frar, 2011, din qed tippretendi hlas ghalihom ghaliex il-garanzija kienet skadiet. Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici spjega wkoll illi b'referenza ghall-hlas li gie mwettaq mis-Socjeta' konvenuta permezz ta' *cheque,* li kopja tieghu tinsab a fol.15 tal-atti, dan kien hlas akkont ta' diversi fatturi, u tali hlas gie utilizzat mis-Socjeta' attrici sabiex jaqta' l-valur tal-fatturi l-aktar antiki; illi ghalhekk, u ghalkemm fir-rendikont a fol.70 u 71 tal-atti ma jirrizultax specifikament il-hlas ta' hames mitt ewro (€500), madanakollu, dan il-hlas gie spezzettat u mqassam in rigward diversi fatturi. Illi dwar il-pagamenti l-ohra mwettqa mis-Socjeta' konvenuta, u li jirrizultaw mill-kopji tac-*cheque images* a fol. 13 u 14 tal-atti, ir-

rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara illi dawn kienu pagamenti mwettqa akkont tal-prezz tal-lift il-gdid li gie nstallat minnha.

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta jikkontendi, illi kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat mir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, il-lift il-gdid gie installat gewwa Sa Maison Retirement Home fl-2009, u mhux fl-2008, u li l-garanzija – li kienet ghal sentejn – giet estiza b'sitt-(6) xhur. Illi l-istess rapprezentant iddikjara illi l-kontijiet datati 2005 u 2006 kien sar il-hlas taghhom fl-2009, u ddikjara wkoll illi l-hlas kien isir fi flus kontanti lit-*technician* li kien imur *on site*, u ghalkemm ir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici kien iweghdu li ser jibghatlu ricevuta, dan kien jonqos milli jibghathom. Illi l-istess rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta ddikjara illi kien hemm relazzjoni ta' kummerc tajba bejn iz-zewg entitajiet, u d-diffikultajiet inqalghu minhabba l-pagamenti li s-Socjeta' attrici qed tippretendi minghandu.

Illi xehed ukoll l-Inginer Ray Spiteri, li ddikjara li gie nkarigat mis-Socjeta' attrici sabiex imur iwettaq spezzjoni tal-lift li gie installat gewwa l-Home in kwistjoni. Iddikjara illi saru diversi spezzjonijiet fuq dan il-lift, u dan kif jirrizultaw mid-dokumenti a fol. 61 *et seq.* tal-atti. Illi dawn l-ispezzjonijiet saru fl-24 ta' Settembru, 2008, fit-2 ta' Marzu, 2009 u l-01 ta' Ottubru, 2009, u dan minhabba xi nuqqasijiet illi kienu rrizultaw fil-lift li kellhom jigu rimedjati, ghalkemm iddikjara wkoll illi tali nuqqasijiet ma kienux jaffettwaw l-operat tal-lift. Illi in rigward ic-certifikat li jinsab a fol.63 tal-atti, imsejjah *final inspection certificate*, l-istess xhud iddikjara illi tali certifikat jindika illi dan il-lift kien konformi mar-rekwiziti u regolamenti u direttivi mahruga mill-Ewropa, filwaqt illi dwar il-kwalita' tal-lift, dan jibqa' responsabilita' ta' min ifornih u jinstallah.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi l-kontestazzjoni principali tas-Socjeta' konvenuta hija in rigward il-fatturi li jirrelataw dwar xogholijiet ta' spezzjoni u manutenzjoni li gew imwettqa fuq il-lift il-gdid, filwaqt illi in rigward il-fatturi li kienu jittrattaw dwar xogholijiet imwettqa fuq il-lift il-qadim, ir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta jikkontendi illi dawn gew imhallsa. Illi in rigward il-kwistjoni tal-hlas, saret referenza ghall-kopji tac-*cheques* li jinsabu esebiti a fol.13 sa 15 tal-atti, li rrizulta li jirraprezentaw pagamenti akkont tal-prezz tal-lift il-gdid, kif ukoll pagament wiehed – dak ta' hames mitt ewro (€500) permezz

ta' *cheque* datat 3 ta' Dicembru, 2009 – li kien intiz sabiex jigu saldati diversi fatturi li kienu ghadhom pendenti in rigward xogholijiet li saru fuq il-lift il-qadim. Illi dwar il-hlasijiet l-ohra li allegatament gew imwettqa mir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta fi flus kontanti, u li dwarhom isostni li ma nghatax ricevuta, ma ngabet ebda prova in rigward mir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta, u ghalhekk tali linja difenzjonali m'hix gustifikata.

Illi ghalhekk in rigward il-fatturi Dok. B1 (€764.17c – 8 ta' Awwissu, 2005), Dok. B2 (€120.34c – 21 ta' Dicembru, 2005), Dok. B3 (€149.81c – 18 ta' Lulju, 2008), Dok. B4 (€119.58c – 18 ta' Lulju, 2008), Dok. B5 (€67.81c – 23 ta' April, 2009), u Dok. B8 (€75.00 – 9 ta' Marzu, 2011), is-Socjeta' konvenuta – minkejja l-allegazzjoni ta' hlas – ma ssostanzjat bl-ebda mod l-allegazzjoni taghha, u ghalhekk tali allegazzjoni qed tigi skartata, u l-ammonti relattivi qed jigu meqjusa bhala dovuti.

Illi in rigward il-fatturi l-ohra, u cioe' Dok. B6, B7, B9 u B10, u li r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara li jittrattaw dwar spezzjonijiet u xogholijiet li saru fuq il-lift il-gdid, irrizulta illi dan il-lift kien kopert b'garanzija ta' sentejn, liema garanzija giet estiza mis-Socjeta' attrici ghal perjodu ulterjuri ta' hdax-(11) il-xahar. Illi jehtieg illi jigi stabbilit meta dahlet fis-sehh tali garanzija, u konsegwentement meta spiccaw l-effetti taghha. Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici jsostni illi dan il-lift gie installat fi Frar, 2008, filwaqt illi r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta jiddikjara li dan sar fl-2009. Illi mill-fatturi u dokumenti li gewipprezentati mir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ma jirrizultax daqstant car liema minn dawn il-fatturi jittrattaw dwar il-lift il-gdid – ghalkemm Dok. B6 u Dok. B7 jittrattaw dwar spezzjoni imwettqa minn persuna teknika fi hdan is-Socjeta' attrici kif ukoll mill-Inginer, filwaqt illi Dok. B9 u B10 jittrattaw dwar mizuri provizorji li ttiehdu sabiex tigi rimedjata hsara, u x-xogholijiet rimedjali li effettivament gew imwettqa; madanakollu, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi l-*lift inspection reports* li jinsabu a fol. 61 *et seq.* tal-atti jittrattaw dwar il-lift il-gdid – liema dikjarazzjoni ma gietx ikkontestata mir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta – u l-ewwel wahda minn dawn l-*inspection reports* hija datata 12 ta' Frar, 2008. Illi jsegwi ghalhekk illi hija aktar attendibbli l-verzjoni tal-fatti mghotija mir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, meta dan iddikjara illi l-lift in kwistjoni gie installat fi Frar, 2008. Illi lanqas ma jirrizulta daqstant car jekk dan il-lift kienx qed jintuza minn meta gie installat; madanakollu, ikun opportun illi ssir referenza ghad-deposizzjoni tal-Inginer Ray Spiteri, li ddikjara illi minkejja li kien hemm xi nuqqasijiet fil-lift, dawn ma

kienux jaffettwaw l-operat tieghu, u seta' jintuza liberament minghajr ebda perikolu ghall-utenti tieghu.

Illi ghalhekk, u tenut kont tal-fatt illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara illi l-garanzija ta' sentejn giet estiza ghal perjodu ulterjuri ta' hdax (11)-il xahar – kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat mir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta li qal li giet estiza ghal perjodu ta' sitt-(6) xhur – isegwi illi tali garanzija skadiet f'Jannar, 2011. Illi l-fatturi indikati bhala Dok. B6 tipprecedi din id-data, filwaqt illi Dok. B7, B9 u B10 huma lkoll datati wara t-12 ta' Jannar, 2011 – ghalkemm il-*job sheet* relattiva ghal Dok. B7 tindika li l-ispezzjoni saret f'Ottubru, 2010.

Illi ai termini tal-ftehim li gie ffirmat mill-partijiet ghall-konsenja u installazzjoni tal-lift, datat 15 ta' Gunju, 2006, li kopja tieghu tinsab a fol.78 tal-atti, hemm stipulat fi klawsola tlieta-(3) tal-istess illi: "*The Contractor undertakes to guarantee the equipment for twenty-four months from date of commissioning and will execute twelve general services on the said lift once every two months for such period.*" Illi jsegwi ghalhekk illi l-ispezzjonijiet illi nhargu l-fatturi taghhom Dok. B6 u B7 huma koperti b'tali garanzija, u ghalhekk is-Socjeta' konvenuta m'ghandhix tigi tenuta li twettaq il-hlas ghalihom. Illi ghalhekk l-ammont rizultanti minn dawn il-fatturi, ammontanti kumplessivament ghal mitt ewro (€100.00), ghandu jigi mnaqqas. Illi in rigward iz-zewg fatturi l-ohra, u cioe' Dok. B9 u B10, jidher illi x-xogholijiet gew imwettqa wara l-imsemmija data ta' skadenza tal-garanzija, u l-fatturi relattivi nhargu wkoll wara l-imsemmi zmien. Illi jsegwi ghalhekk illi tali ammonti huma wkoll dovuti.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija sitta u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,456.23c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez tas-Sentenza Preliminari tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet, filwaqt illi l-ispejjez ta' din is-Sentenza jkunu a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------